**16 ta' Frar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Mary Duffy

*versus*

Alfred Galea

**Kommodat - Żgumbrament**

*Ġie ordnat l-izgumbrament tal-konvenut għaliex kien qed jokkupa fond mingħajr titolu fil-liġi.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fl-4 ta' Ottubru, 1982, fejn Mary Duffy qiegħda tħarrek lil Alfred Galea biex jidher quddiem l-imsemmija Qorti u jgħid għaliex ma għandux jiġi kkundannat jiżgombra mill-fond numru 167, Triq il-Kbira, Ħal Lija, minnu okkupat bla titolu legali, fi żmien qasir u perentorju u dana peress illi l-attriċi kellha bżonn il-fond għal bintha - bl-ispejjeż, għal fini tal-kompetenza l-valur lokatizzju tal-fond ġie ddikjarat li ma jeċċedix Lm50;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet fejn il-konvenut asserixxa li

huwa kien qiegħed jokkupa l-fond *de quo* b'titolu ta' kommodat mingħand l-attriċi;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Għira ta' Malta, fil-5 ta' Mejju, 1983, li biha ġiet milqugħa t-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-konvenut li ġie mogħti terminu ta' xahar mid-data ta' l-istess sentenza biex jiżgombra mill-fond; wara li dik il-Qorti kkunsidrat, fost ħwejjeġ oħra, illi "ma kienx jirriżulta xi ftehim fis-sens li x-xogħol u l-ispejjeż li għamel il-konvenut kien a bażi ta' ftehim ta' *quid pro quo*, u ċjoè ta' kommodat" (*sic*);

Rat in-nota ta' appell ta' l-imsemmi Alfred Galea, ippreżentata fl-10 ta' Mejju, 1983, u l-petizzjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju, 1983;

Rat ir-risposta ta' l-imsemmija Mary Duffy ippreżentata fis-17 ta' Ġunju, 1983;

Semgħet it-trattazzjoni mill-Avukat Dr. Joseph Fenech għall-attriċi appellata u qieset il-provi miġjuba;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta' l-appellata (attriċi fil-kawża fl-ewwel istanza) jirriżulta illi l-pussess tal-fond numru 167, Triq il-Kbira, Ħal Lija, ġie mogħti lill-konvenut sabiex jabitaw fih, hu u martu (bint l-appellata), għaliex dawna kienu waslu biex jiżżewġu u ma kellhomx fejn joqgħodu; għall-okkupazzjoni tal-fond ma kellu jitħallas xejn lill-attriċi. L-appellant u martu huma mifrudin u llum huwa jgħix fil-fond *de quo* u martu fid-dar tal-familja tagħha. L-attriċi talbet il-pussess tal-fond lura mingħand l-appellant għaliex kellha bżonnu għall-imsemmija bintha. L-appellant, avolja interpellat, ma ivvakax il-fond;

Illi l-appellant jilmenta mis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel istanza għaliex isostni li t-titolu tiegħu ma kienx titolu ta' prekarju kif, jgħid hu, sostniet l-Ewwel Qorti: huwa jippretendi li l-appellata qatt ma żammet għaliha d-dritt li tieħu lura l-pussess tal-fond meta trid hija, imma għal kuntrarju hija kienet tagħtu l-pussess tal-fond sabiex jgħix fih huwa u martu li ma kellhomx fejn joqgħodu. L-appellant jallega li t-titolu tiegħu huwa għalhekk wieħed ta' kommodat u li allura għandu d-dritt kollu jibqa' fil-post;

Illi ma hemm ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet, illi, almenu sakemm l-appellant u martu kienu sejrin jibqgħu jgħixu flimkien bħala miżżewġin u ma jkollhomx akkomodazzjoni oħra, il-fond kien qiegħed jiġi mħolli f'idejn l-appellant sabiex jintuża minnu u minn martu bħala d-dar ta' l-abitazzjoni tagħhom, mingħajr ma huwa jkun *obbligat iħallas* ebda korrispettiv għal dina l-okkupazzjoni. Mill-ġurnata illi l-fond ma baqax jintuża għal dana l-iskop spiċċa t-titolu li l-appellant sadanittant kien qiegħed igawdi: u għalhekk fil-jum tal-preżentata taċ-ċitazzjoni (preċeduta, kif kienet, bl-interpellazzjoni għall-iżgumbrament) huwa ma setax jivvanta ebda *dritt* għall-okkupazzjoni tiegħu;

Illi mhuwiex negat illi l-attur seta' nefaq fil-fond somma mhux żgħira (għalkemm parti minnha ġiet maħruġa mill-istess appellata); però dina n-nefqa ta' flus fil-fond l-istess appellant ma għamilix in korrispettiv għad-dritt li jokkupa l-fond li tagħtu *l-appellata, imma għaliex ried hu*: l-appellata qatt ma riedet u qatt ma aċċettat biss għal dak li, presumibbilment minħabba l-interessi ta' bintha stess, hija kienet għamlet ma' l-appellant. Jekk huwa għandu xi dritt għal flus li ħareġ, dana d-dritt jibqa' lilu riservat;

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża

billi tiċħad l-appell ta' l-imsemmi Alfred Galea u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, fil-5 ta' Mejju, 1983, fil-kawża fl-ismijiet fuq indikati bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu, b'dana però li t-terminu għall-iżgumbrament mill-fond numru 167, Triq il-Kbira, Ħal Lija jkun ta' xahrejn u jibda jiddekorri mil-lum.